# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, l-Erbgha 27 ta' Gunju, 2018**

**Rikors Numru 443/18TA**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 688/2018LM fl-ismijiet:**

**Chiara Peresso [K.I. 49374 (M)]**

**vs**

**Antonino Santoro [K.I. 175609(A)]**

**<u>Provvediment</u>**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors ta' Antonino Santoro tad-9 ta' Mejju 2018;

Rat ir-risposta ta' Chiara Peresso tat-12 ta' Gunju 2018;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda tal-partijiet;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tat-12 ta' Gunju, 2018.

**Ikkunsidrat**

Wara li l-Qorti ezaminat l-atti kollha, waslet ghall-konkluzjoni li mill-aggravji imsemmija fir-rikors promotur l-unika aggravju rilevanti huwa dak taht artiklu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta. Ghalhekk kwantu jirrigwarda z-zewg aggravji l-ohra jinghad mill-ewwel li wara li din il-Qorti ezaminat l-atti ma jirrisultawx. Dan dejjem qieghed jinghad ai fini ta' dawn il-proceduri biss.

Il-kwistjoni l-ohra tirrigwarda jekk l-intimat Antonino Santoro fil-kapacita` personali tieghu hux il-leggittima kontradittur ai fini ta' dan il-mandat inkwistjoni. Il-Qorti tirrimarka li l-parti kbira tal-provi kkoncentraw fuq dan l-aspett tal-vertenza. F'dan ir-rigward, iz-zewg partijiet sostnew il-provi taghhom anke b'dokumenti. Mill-provi hareg, li l-partijiet it-tnejn ghandhom versjoni li hija plawsibbli ghalkemm kontrastanti.

F'dawn ix-xorta ta' rikorsi, il-Qorti, rinfaccjata b'versjonijiet li ma tistax tghid liema wahda minnhom ghandha l-aktar mill-verita' hlief b'ezami approfondit, ikollha timxi ma dak li konstantament qalu dawn il-Qrati. Li kwistjonijiet li jehtigilhom ezami aktar fil-fond minn semplici prim facie, huma riservati ghal

dik il-Qorti li tkun giet adita li tiehu konjizzjoni tal-mertu permezz ta' Rikors Guramentat.

Il-**Prim' Awla tal-Qorti Civili irriteniet is-segwenti fil-kawza fl-ismijiet J.V. & S. Developments Limited vs Scala Developments Limited, datata d-9 ta' Jannar, 2012**:

> *"Illi fir-rigward tal-proceduri li jsiru ai termini tal-artiklu 836, (tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta), il-qorti kemm il-darba ghamlitha cara li hi bl-ebda mod m'ghandha tidhol fil-fond tal-vertenza, ghaliex kif irritenew diversi drabi fil-qrati taghna, l-procedura mahsuba fl-artiklu 836 (fuq indikat) ghandha tkun wahda sommarja, u l-ezami taghha ghandu jkun biss ta' prima facie ... ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-qorti f'dan l-istadju u dan, tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja".*

Dan ifisser li anke hawn, ai fini ta' dawn il-proceduri biss, din il-lanjanza ma tirrizultax.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda **tichad** it-talbiet kollha tar-rikorrent kif mitluba fir-rikors tieghu tad-9 ta' Mejju 2018.

Spejjez tal-presenti jibqghu riservati mal-gudizzju finali fuq il-mertu.

**Moghti kameralment illum, 27 ta' Gunju, 2018.**

**Imhallef Toni Abela**